**7 ta' Diċembru, 1990**

**Imħallef: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl. Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Paul Debono

*versus*

L-Aġent Prim Ministru *et*

**Kostituzzjoni – Konvenzjoni Ewropeja – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Smigħ Xieraq – Sentenza – Qorti ta' l-Appell Kriminali – Leġittimità tal-persuna – Kummissarju tal-Pulizija – Avukat Ġenerali – Tabib Prinċipali tal-Gvern**

*Ir-rikorrent allega li fi proċeduri pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali huwa ma kienx ġie mogħti smigħ xieraq bi ksur ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimita tal-persuna ta' l-intimati u laqgħet it-talbiet tar-rikorrent billi annullat dik il-parti tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fejn l-intimat kien instab ħati tar-reati lilu addebitati. Il-Qorti Kostituzzjonali rriformat s-sentenza billi lliberat lit-Tabib Prinċipali tal-Gvern mill-ġudizzju u kkonfermata fil-kumplament.*

*Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali huma parti fi proċeduri kriminali, u għalhekk huma leġittimi kontradittturi f'kawża istitwita għad-dikjarazzjoni tan-nullità ta' proċeduri kriminali. Għalkemm dawk il-proċeduri jkunu nbdew fuq it-talba tat-Tabib Prinċipali tal-Gvern xorta waħda dan mhux parti f'tali*

*proċeduri u għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*Fit-trattazzjoni quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali l-kawża kienet tħalliet għad-deċiżjoni fuq punt preliminari u minflok il-Qorti ddeċidiet il-meritu. Tali aġir kien jivvjola d-dritt tal-imputat għal smigħ xieraq.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

B'rikors fl-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Paul Debono espona illi huwa ġie akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja t'Għawdex, illi ftit żmien qabel l-għoxrin ta' Ġunju, 1986 naqas li jikkomunika l-btieħi ta' xi appartamenti, f'Għajnsielem Street, Għajnsielem, Gozo, għal fuq wiċċ it-triq permezz ta' katusi;

Illi l-imsemmija Qorti b'sentenza tat-28 ta' Frar, 1990, iddikjarat illi Paul Debono kien ġie mħarrek ħażin billi l-appartamenti in kwistjoni ma kinux proprjetà tiegħu iżda tas-soċjetà Debono Development Limited;

Din is-sentenza ġiet appellata mill-Avukat Ġenerali peress illi l-ewwel Qorti kienet injorat dak li jipprovdi l-artikolu 13 ta' l-Att VII ta' l-1975;

Kien hemm xi inċidenti proċedurali li mhumiex rilevanti għal din il-kawża, iżda mbagħad fis-seduta tal-25 ta' Ġunju, 1990, l-avukati tal-partijiet ittrattaw l-appell u "għamluha ċara, lill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali li l-appell devolut quddiemha kien biss dwar l-eċċezzjoni preliminari ta' illeġittimità tal-persuna" li kienet ġiet akkolta fl-ewwel istanza. "Wara li l-istess Onorabbli Qorti kkonstatat li l-uniċi provi akkwisti għall-

proċess kienu limitati għall-provi dwar din l-imsemmija eċċezzjoni ta' l-esponenti, l-avukat tiegħu attira l-attenzjoni ta' l-Onorabbli Qorti msemmija li l-klijenti tiegħu kellu eċċezzjonijiet fil-meritu x'jagħti'';

Fit-tmienja (8) ta' Awissu, 1990 dik l-Onorabbli Qorti tat is-sentenza tagħha li biha rrevokat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u sabet lir-rikorrent ħati ta' l-imputazzjoni u kkundannatu għall-amenda ta' ħamsa u għoxrin lira (Lm25) u ordnatlu li jottempra ruħu mal-liġi fi żmien tliet xhur minnu dik inhar taħt penali ta' żewġ liri kuljum fin-nuqqas;

B'hekk ir-rikorrent ma ġiex mogħti trattazzjoni xierqa kif hemm ipprovdut fl-artikoli 39 tal-Kostituzzjonali u 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, u talab lill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li jogħġobha tagħmel dawn l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa, fosthom li tannulla s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali;

L-intimati opponew illi:

(a) *preliminarjament il-Kummissarju tal-Pulizija u t-*Tabib Prinċipali tal-Gvern m'humiex il-leġittimi kuntradittturi tal-proċedura u għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

(b) ir-rikorrent ingħata trattazzjoni xierqa kif jixhed il-verbal fil-kawża, tal-25 ta' Ġunju, 1990, u l-Avukat Ġenerali fir-rikors ta' appell kien talab ir-revoka tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti;

B'sentenza elaborata u dettaljata tas-27 ta' Settembru, 1990, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-waqt li ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari u ddikjarat li l-Kummissarju tal-Pulizija u t-Tabib Prinċipali tal-Gvern huma l-leġittimi kuntraditturi tar-rikorrenti fir-rikors, laqgħet it-talba tar-rikorrenti u parzjalment annullat is-sentenza tat-8 ta' Awissu, 1990, ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali inkwantu biss, li fl-istess sentenza r-rikorrenti, hemm appellat, ġie misjub ħati, u kkonfermat l-istess sentenza nkwantu laqgħet l-appell interpost u rrevokat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tat-28 ta' Frar, 1990, u għalhekk qiegħdet lir-rikorrent fil-pożizzjoni ta' l-Appellat quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali immedjatament wara l-pronunzjament tas-sentenza tagħha kif issa rriformata - spejjez għat-tlett intimati;

L-intimati appellaw din is-sentenza u għar-rikors, bl-aggravji tagħhom irrisponda ukoll ir-rikorrenti oriġinali, Paul Debono;

Il-Qorti se tikkunsidra dawk l-aggravji fl-ordni li jinsabu fir-rikors ta' appell;

L-intimati jippretendu li l-Kummisarju tal-Pulizija mhuwiex il-leġittimu kontradittur għar-rikors u dan prinċipalment għar-raġuni illi l-Pulizija Esekuttiva u l-Avukat Ġenerali huma żewġ rami tal-prosekuzzjoni separati u distinti u għalhekk filwaqt li l-Pulizija tmexxi l-prosekuzzjoni fl-ewwel istanza, huma l-Avukat Ġenerali li jmexxi l-proċeduri fi grad ta' appell. Billi r-rikors jillamenta mill-proċedura fit-tieni grad, il-Kummissarju tal-Pulizija f'dan il-grad ma jidħol xejn;

Din is-sottomissjoni mhix sodisfaċenti. Il-Kummissarju tal-Pulizija, kif sewwa qalet l-ewwel Qorti – ikun il-parti fil-kawża fl-ewwel istanza u l-pożizzjoni ma tinbidilx fit-tieni istanza. Jgħidu ħażin l-intimati li billi "l-occhio" tal-kawża jindika "Il-Pulizija" din hija ħaġa purament aċċidentali u ta' forma; għall-kuntrarju hija dejjem il-forma li tindika min huma l-partijiet in kawża u li l-indikazzjoni hija ħaġa purament aċċidentali – huwa kunċett li żgur ma jistax jissejah ġuridiku, jew almenu – jonqos li jiġi mogħti kontenut ġuridiku tali li l-Qorti tista' tikkomprendih;

Probabbilment anki l-att ġudizzjarju msejjaħ - Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bi ħsiebu jappella s-sentenza li ġiet mogħtija minnu din il-Qorti (jiġifieri l-Qorti tal-Maġistrati) fit-28 ta' Frar, 1990;

Hija wkoll sempliċi forma li turi li l-Kummissarju tal-Pulizija qiegħed jappella mis-sentenza fil-konfront ta' Paul Debono – hija ħaġa purament aċċidentali wkoll. Il-Qorti ma taqbilx ma' l-isvalutazzjonijiet tal-forma u tar-realtà "aċċidentali";

Il-Qorti lanqas ma tifhem, kif - għall-iskopijiet ta' **proċeduri kriminali** – jista' jiġi impurtat il-kunċett ta' **separazzjoni** u **distinzjoni** bejn il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali – billi anzi huma l-istess proċeduri li jgħaqqduhom. F'dawn, difatti, għandhom it-tnejn funzjoni **waħda** – proprju dik li jsemmi l-artikolu 4 Kap. 9, kkwotat mill-intimati, - dik ċjoè li jmexxu l-azzjoni kriminali, f'isem il-Gvern, u li tispetta daqqa 'l wieħed u daqqa lill-ieħor - "kif ikun il-każ";

In aġġunta għal dak li qalet is-sentenza appellata, fit-tieni

paragrafu tagħha jista' jiġi issa nnotat illi bis-saħħa ta' l-istess sentenza r-rikorrent reġà ġie mqiegħed fil-pożizzjoni li jrid ikompli bil-proċeduri kriminali tal-Kummissarju tal-Pulizija quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, u dan ir-rifless huwa biżżejjed biex juri, anzi, f'liema grad ta' leġittimità qiegħed il-Kummissarju tal-Pulizija, bħala kuntradittur tat-talba tar-rikorrenti;

It-Tabib Prinċipali tal-Gvern ġie mħarrek għaliex l-azzjoni kriminali ttieħdet fuq talba tiegħu, u l-ewwel Qorti dehrilha li japplikaw l-istess raġunijiet miġjuba fil-każ tal-Kummissarju tal-Pulizija. Dan mhuwiex preċiż, għaliex it-Tabib Prinċipali tal-Gvern mhuwiex parti fil-proċeduri. Però l-Qorti qalet ukoll "evidentament it-Tabib Prinċipali għandu interess fl-eżitu tar-rikors";

L-intimati fuq daqshekk jidhrilhom li dan l-interess li qed tirravedi l-Qorti, mhuwiex interess **ġuridiku**. Fuq il-pożizzjoni ta' din il-persuna fil-kawża, il-Qorti, filwaqt li tagħmel riferenza għal dak li hemm fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Diċembru, 1990, fir-rikors numru 278/89, fl-ismijiet "Joseph Abela vs. L-Onorevoli Prim Ministru" għal dak li jirrigwarda l-leġittimi kontradittur f'dawn il-kawżi kostituzzjonali, jidher li dan ma jippartjieni għal ebda kategorija mit-tlieta hemmhekk identifikati. Il-lament ta' l-intimati fuq daqshekk huwa ġustifikat;

"Fil-mertu, l-intimati jissottomettu illi "l-appell kien ġie ttrattat u kien ser jibqa', tajjeb jew ħażin, **għas-sentenza.** Sentenza setgħet tingħata biss fuq it-talba għar-revoka......";

Dan mhux aċċettabbli. Sentenza setgħet ingħatat – kif

jidher mill-kompless kollu tal-provi fil-proċess – fuq dak biss li ġie verament deċiż mill-ewwel Qorti. Dik il-Qorti f'dik is-sentenza manifestament – la darba eżaminat u waslet għall-konklużjoni li r-rikorrent kien ġie mħarrek ħażin – u ma setgħet qatt waslet biex teżamina wara **dan,** jekk huwiex ħati jew le. Difatti s-sentenza tgħid testwalment:

"Il-Qorti tiddikjara li l-istess imputat ġie mħarrek ħażin u mhux skond il-liġi u konsegwentement tastjeni milli tiegħu konjizzjoni ulterjuri tal-każ";

Il-Qorti lanqas waslet biex "tillibera" lir-rikorrenti – sempliċiment **waqfet** u ma komplietx bis-smigħ tal-kawża. Dan – żbaljat, kemm huwa żbaljat – huwa biżżejjed biex juri, li t-trattazzjoni fil-meritu ta' l-imputazzjoni kontra r-rikorrenti lanqas biss kienet bdiet u allura l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali ma setgħetx – mingħajr ebda **trattazzjoni, f'ebda grad** – tasal biex issib li-rikorrent ħati u tikkundannah;

Għall-bqija l-ewwel Onorabbli Qorti eżaminat dettaljament ir-relazzjoni bejn dak li jirriżulta mill-atti u l-inċidenza fuqhom, ta' provi orali kif ukoll l-ammissabilità ta' l-istess u ċ-ċirkostanzi proċedurali affini - u din il-Qorti tapprovahom u m'għandhiex x'iżżid;

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda tirriforma s-sentenza appellata, fis-sens biss illi tiddikjara li t-Tabib Prinċipali tal-Gvern mhuwiex leġittmu kontradittur ta' l-azzjoni tar-rikorrent u għalhekk tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju u tikkonfermaha għall-bqija;

L-ispejjez taż-żewġ istanzi jitħallsu kwantu għal deċima parti (1/10) mir-rikorrent u l-bqija mill-intimati l-Onorevoli Prim Ministru u mill-Kummissarju tal-Pulizija.